

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2014 – ZZ vs BĊE**(Kawża F-94/14)**

(2015/C 007/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche)*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni tad-Direttur tal-BĊE li ma tagħtix lir-rikorrent żieda addizzjonali ta' salarju, fil-kuntest tal-proċedura ta' reviżjoni annwali tas-salarji u tal-bonus, għas-sena 2014.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tad-Direttur, adottata fil-25 ta' Frar 2014 u kkomunikata lill-persunal fit-3 ta' Marzu 2014, li ma tagħtix lir-rikorrent iż-żieda addizzjonali ta' salarju għas-sena 2014;
- jannulla d-deċiżjoni li tiċħad ir-rikors speċjali datata l-1 ta' Lulju 2014 u riċevuta fis-7 ta' Lulju 2014;
- jekk ikun neċessarju, jannulla d-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment kompetenti/DG-H li ma ħax inkunsiderazzjoni u lanqas ippropona lir-rikorrenti għal żieda addizzjonali ta' salarju, ikkomunikata impliċitament bid-deċiżjoni tad-Direttur tal-25 ta' Frar 2014 u bid-deċiżjoni li tiċħad ir-rikors speċjali tal-1 ta' Lulju 2014;
- jikkumpensa d-dannu materjali li jikkonsisti fit-telf ta' opportunità li jikseb żieda addizzjonali ta' salarju fl-2004 evalwata għal EUR 51,962 jew, alternattivament, jannulla l-proċedura li tat lok għad-deċiżjoni tal-25 ta' Frar 2014 u l-organizzazzjoni mill-BĊE ta' proċedura ġdida għall-ġhoti ta' żidiet addizzjonali ta' salarju għas-sena 2014;
- tikkumpensa d-dannu morali evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 5 000;
- tikkundanna l-konvenut għall-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2014 – ZZ u ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-96/14)**

(2015/C 007/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ u ZZ (rappreżentanti: J. Lombaert u A. Surny, avukati)*Konvenuta:* il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deksrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni li tirrevedi retroattivament il-pensjonijiet tas-superstiti mogħtija lir-rikorrenti u li tordna l-irkupru tas-somom eċċessivi li tħallsu indebitament.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tal-PMO tat-22 ta' Novembru 2013;
- jiddeċiedi li s-somma indebitament allokata lir-rikorrenti ma tistax tkun suġġetta għal irkupru;
- jiddeċiedi li d-deċiżjoni kkontestata, tidħol fis-seħħ biss mill-ewwel jum tax-xahar ta' wara, jiġifieri l-1 ta' Diċembru 2013 rigward l-emenda tal-ammont ta' pensjonijiet tas-superstiti u tal-orfni mogħtija lir-rikorrenti.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Settembru 2014 – ZZ vs EMA**(Kawża F-97/14)**

(2015/C 007/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni tal-EMA li tikkonferma d-deċiżjoni preċedenti, annullata permezz ta' sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li ma jiġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni meħuda sabiex tiġi eżegwita s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tas-26 ta' Ġunju 2013, fil-Kawżi magħquda F-135/11, F-51/12 u F-110/12;
- jikkundanna lill-EMA tħallas EUR 150 000 lir-rikorrent bħala kumpens għad-dannu morali mġarrab;
- jikkundanna lill-EMA tħallas lir-rikorrent EUR 1 provviżorju bħala kumpens għad-dannu materjali kkawżat;
- jikkundanna lill-EMA għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2014 – ZZ vs UASI**(Kawża F-101/14)**

(2015/C 007/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: Heinrich Tettemborn, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)